**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru : 284/2020 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**KZ**

**Vs**

**U b'digriet tat-23 ta' Novembru 2020 gew nominati Dr Ben Valenzia u PL Melissa Anastasi bhala Kuraturi Deputati li jirrapprezentaw lill-assenti CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' KZ, datat 31 ta' Awwissu 2020, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, elfejn u erba' (2004) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dana z-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal fid-data tas-separazzjoni;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil datat hamsa (5) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) (Dok B);*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin;*

5. *Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

6. *Illi m'hemmx manteniment dovut;*

7. *Illi l-partijiet ma baqghux f'kuntatt wara li gie ffirmat l-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex idea fejn jirrisjedi l-konvenut.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta datata 5 ta' Jannar 2022 tal-Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CB, a fol 34, li taqra hekk:

1. *Illi l-Kuraturi Deputati mhumiex edotti mil-fatti dikjarati;*

2. *Illi l-attrici ghandha tikkonferma bil-gurament taghha l-ahhar darba li kellha kuntatt mal-assenti.*

3. *Illi l-istess Kuraturi Deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf, indirizz tal-posta elettronika, u jew profili tal-media socjali tal-istess assenti sabiex huma jkunu f'posizzjoni illi jikkomunikaw mieghu;*

4. *Illi n-Nutar Rachel Busuttil ghandha tikkonferma bil-gurament taghha il-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti datat il-hamsa ta' Frar*

*2010;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi.*

Rat in-nota tal-attrici datata 11 ta' Jannar 2022 bl-informazzjoni mitluba ai termini tat-tieni eccezzjoni tal-intimat;

Rat illi nhar is-7 ta' Frar 2022 l-attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tippresenta u stiednet il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi Dr Valenzia, fil-kariga tieghu bhala Kuratur Deputat, ikkomunika mal-intimat tramite social media li inghatat lilu mill-attrici izda ma rceva ebda risposta. Di piu', in vista ta' dan, huwa ddikjara li ma kellux aktar provi x'jippresenta u stieden il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KZ xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet zzewgu nhar is-27 ta' Gunju 2004, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil nhar il-5 ta' Frar 2010. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

*infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Gunju 2004, liema zwieg jgib certifikat numru 1074/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil nhar il-5 ta' Frar 2010 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 6 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1074/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**